41998D0059

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
tas-16 ta' Diċembru 1998
dwar l-użu kordinat ta' konsulenti dwar dokumenti

(SCH/Com-ex (98) 59 rev.)

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 132 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' *Schengen*,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 12 u 26 tal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq,

Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1998 (dokument SCH/Com-ex (98) dikj 3),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

1. Il-pjan għall-użu kordinat ta' konsulenti dwar dokumenti fir-rigward ta' traffiku ta' l-ajru u marittimu u fir-rigward ta' rappreżentazzjonijiet konsulari (dokument SCH/I-Front (98) 171 rev 4) qiegħed jiġi approvat.
2. Il-lista ta' postijiet li huma preżentament meqjusa bħala xierqa fil-prinċipju fir-rigward ta' karigi għal konsulenti dwar dokumenti u n-nominazzjoni ta' postijiet u reġjuni ewlenin preżenti (dokument SCH/I-Front (98) 184 rev 3) qiegħda tiġi nnutata.

Berlin, is-16 ta' Diċembru 1998.

Il-President

C. H. SCHAPPER

SCH/I-Front (98) 171 rev 4

PRINĊIPJI DWAR IMPLIMENTAZZJONI

Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Settembru 1998, il-Kumitat Eżekuttiv saħaq fuq l-importanza speċjali ta' konsulenza dwar dokumenti sabiex tiġi kkumbattuta l-immigrazzjoni illegali fiż- żona *Schengen* (SCH/Com-ex (98) dikj 3).

Il-Kumitat Eżekuttiv ħareġ ukoll mandat sabiex isiru arranġamenti prattiċi, li jidhru hawn isfel.

L-użu kordinat ta' konsulenti dwar dokumenti fir-rigward ta' traffiku ta' l-ajru u marittimu u fir-rigward ta' rappreżentazzjonijiet konsulari, għandu jimxi skond il-pariri li ġejjin:

1. **Arranġamenti għall-ħolqien ta' gruppi konġunti ta' konsulenti dwar dokumenti**

(a) L-Istati *Schengen* għandhom, fejn meħtieġ, jagħtu seminars ta' informazzjoni, li l-forma u t-tul tagħhom għandhom ivarjaw skond ir-rekwiżiti tal-każ individwali, dwar it-temi li ġejjin:

— l-iskoperta ta' dokumenti foloz jew falsifikati,

— *modi operandi*,

— kisba ta' apparat għall-iskoperta ta' dokumenti foloz jew falsifikati,

— regolamenti legali u regoli dwar kontrolli.

Dawn l-attivitajiet ta' konsulenza għandhom jiġu provduti:

— fir-rigward ta' linji ta' l-ajru jew kumpaniji ta' tbaħħir marittimu,

— sabiex jassistu lir-rappreżentazzjonijiet konsulari ta' Stat *Schengen* wieħed jew iżjed Stati f'terzi pajjiżi,

— sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-fruntieri jew awtoritajiet ta' immigrazzjoni f'ajruporti jew f'portijiet ta' tluq f'terzi pajjiżi.

Il-konsulenti dwar dokumenti għandhom jassistu wkoll lill-kumpaniji tat-trasport u lill-personal responsabbli għall-kontrolli fit-tmexxija ta' kontrolli li jsiru qabel l-imbarkazzjoni f'ajruporti u f'portijiet ta' eżitu.

L-Istati *Schengen* għandhom jimmiraw li jgħinu lill-konsulenti għal perjodu ta' żimagħtejn jew tlieta. L-Istati Individwi jirriservaw id-dritt li jieħdu miżuri implimentattivi unilaterali.

(b) L-Istati *Schengen* għandhom jinnominaw punti ta' kuntatt ċentrali li permezz tagħhom għandha tiġi komunikata l-ħtieġa għal pariri u l-kapaċità li jiġi provdut appoġġ, kif ukoll l-aspetti ta' organizzazzjoni kollha li għandhom x'jaqsmu mal-parir mogħti dwar dokumenti. Il-punt ta' kuntatt ċentrali ta' l-Istat *Schengen* li ppropona l-inkarigu għandu jkun responsabbli għall-kordinazzjoni ta' l-operazzjoni (tħejjija, implimentazzjoni u eżekuzzjoni fir-rigward ta' attivitajiet ta' għajnuna speċifiċi). Kemm il-Presidenza kif ukoll il-punt ta' kuntatt ewlieni għandhom jikkunsidraw l-attivitajiet paralleli li jsiru fil-qafas ta' l-UE.

(ċ) Il-punti ċentrali ta' kuntatt għandhom jaħdmu direttament flimkien fuq bażi ta' fiduċja.

(d) Il-punti ċentrali ta' kuntatt għandhom regolarment jiddeterminaw il-ħtieġa għal materjal ta' taħriġ, li għandu jiġi supplimentat fejn xieraq fuq il-bażi ta' esperjenza prattika, u għandhom jinfurmaw lil xulxin immedjatament dwar *modi operandi* ġodda.

(e) Il-Presidenza fil-kariga għandha tikkonsulta lid-delegazzjonijiet sal-ħin xieraq dwar il-ħtieġa li jintalab finanzjament mill-UE (*Odysseus*) u - fir-rigward ta' arranġamenti prattiċi għall-korsijiet ta' taħriġ, l-appoġġ u l-produzzjoni ta' materjali ta' taħriġ - għandha tissottometti applikazzjoni għall-assistenza finanzjarja mal-programm *Odysseus* lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Presidenza ta' l-UE. L-ewwel waħda minn dawn l-applikazzjonijiet flimkien ma' definizzjoni tal-proġett li jrid isir (Stati parteċipanti, kordinazzjoni ta' gruppi, post, kontribuzzjoni finanzjarja) għandha tiġi ssottomessa l-aktar tard sal-31 ta' Marzu 1999 (data ta' għeluq għas-sottomissjoni).

2. **Għażla ta' postijiet addattati għal karigi ta' konsulenti dwar dokumenti**

L-għażla ta' postijiet b'rappreżentazzjonijiet konsulari u (jew) uffiċji ta' kumpaniji tat-trasport f'pajjiżi barranin, li huma adattati għal karigi ta' konsulenti dwar dokumenti minħabba kif is-sitwazzjoni preżenti tapplika f'kull każ, għandha ssir mis-sottogrupp għall-Fruntieri f'nota separata.

Anki jekk mhux imsemmi speċifikament fil-lista hawn fuq imsemmija, l-istaff tal-linja ta' l-ajru domestika u tal-kumpanija marittima li jittrasportaw nies fiż-żona *Schengen* għandhom jiġu offruti wkoll taħriġ li jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' postijiet.

Apparti dan, jekk ikun hemm postijiet biżżejjed, il-konsulenza dwar dokumenti tista' tiġi offruta wkoll lil kumpaniji tat-trasport li ma jservux direttament lid-destinazzjonijiet fiż-żona *Schengen*, imma li joperaw vjaġġi ta' provvista lil punti ta' tluq li jgħaqqdu bl-ajru u bil-baħar maż-żona *Schengen*.

F'kull każ, darba l-proġetti ta' konsulenza individwali jkunu ġew definiti, għandu jsir kuntatt immedjat mar-rappreżentazzjonijiet konsulari u mal-kumpaniji tat-trasport. Fil-prinċipju, ir-rappreżentazzjonijiet konsulari kollha ta' l-Istati *Schengen* għandhom jiġu infurmati dwar l-għajnuna pjanata ta' konsuleti dwar dokumenti lir-rappreżentazzjonijiet fuq livell lokali.

3. **Nominazzjoni ta' postijiet u reġjuni ewlenin**

L-użu ta' konsulenti dwar dokumenti għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti. Is-sottogrupp għall-Fruntieri għandu jiddetermina l-postijiet ewlenin u r-reġjuni f'nota separata.

4. **Profil ta' konsulent dwar dokumenti**

Staff li jipprovdi konsulenza dwar dokumenti jrid ikun addattat kemm professjonalment kif ukoll personalment. Għandu jkollu ta' mill-anqas ħames snin esperjenza f'posizzjoni eżekuttiva.

Konsulenti dwar dokumenti għandu jkollhom biżżejjed għarfien tal-lingwa prinċipali wżata fit-traffiku bl-ajru u fuq il-baħar fil-post fejn jintbagħtu u għandu jkollhom kontroll tajjeb tat-terminoloġija bl-Ingliż li għandha x'taqsam ma' linji ta' l-ajru u dokumenti (materjal ta' taħriġ IATA). Uffiċjali li jaħdmu bħala konsulenti dwar dokumenti jrid ikollhom ukoll is-sengħa pedagoġika u didattika meħtieġa għal din l-attività.

5. **Arranġamenti dwar rapportar u pjanijiet għal aktar żviluppi**

Wara l-missjoni, il-konsulenti dwar id-dokumenti għandhom jabbozzaw rapport bil-miktub dwar kif tkun marret il-kariga u l-punti debboli li jkunu sabu, dwar il-*modus operandi* u l-kontro-miżuri diġà ttieħdu. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Istat mexxej u lis-Segretarjat ta' *Schengen* għal distribuzzjoni lid-delegazzjonijiet kollha fis-Sotto-Grupp għall-Fruntieri.

Il-Presidenza fl-uffiċċju għandha tabbozza rapport imqassar li jrid jiġi ssottomess lill-Grupp ta' Xogħol I dwar Pulizija u Sigurtà kull nofs sena tal-kalendarju fir-rigward ta' l-attivitajiet li jkunu saru waqt dak il-perjodu ta' sitt xhur, u jrid jinkludi analiżi.

Il-Presidenza għandha tagħmel ukoll proposti għal proċedura ulterjuri, inkluż l-ippjanar ta' miżuri ta' konsultazzjoni ulterjuri u titjib tekniku jew tattiku, u għandha mbagħad tissottomettihom lis-Sotto-Grupp għall-Fruntieri.

SCH/I-front (98) 184 rev 3

UŻU KORDINAT TA' KONSULENTI DWAR DOKUMENTI GĦAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU U MARITTIMU U F'RAPPREŻENTAZZJONIJIET KONSULARI

Għażla ta' postijiet preżentament meqjusa bħala xierqa fil-prinċipju għal karigi ta' konsulenti dwar dokumenti u nominazzjoni ta' postijiet u reġjuni li preżentament huma mmarkati għall-għażla

I. **Għażla ta' postijiet addattati għal karigi ta' konsulenti dwar dokumenti**

Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni preżenti, rappreżentazzjonijiet konsulari u/jew uffiċji barranin ta' linji ta' l-ajru u ta' kumpaniji marittimi fil-postijiet li ġejjin huma kkunsidrati bħala addattati fil-prinċipju għal karigi ta' konsulenti dwar dokumenti (il-lista għandha tiġi aġġornata meta tinqala' l-ħtieġa):

— Abidjan (Côte d'Ivoire)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza, il-Portugall

— Abu Dhabi (l-Emirati Uniti Għarab)

Mitjar importanti ta' transitu għal titjiriet lejn l-Ewropa, għalhekk il-pariri u t-taħriġ għandhom ikunu partikolarment għall-benefiċċju tal-linji ta' l-ajru

— Akkra (Gana)

Linji ta' l-ajru

— Ankara (Turkija)

Linji ta' l-ajru

— Bamako (Mali)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Bangkok (Tajlandja)

Linji ta' l-ajru

— Bissau (Guinea Bissaw)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Brazzaville (Kongo)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Casablanca (il-Marokk)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Colombo (ix-Sri Lanka)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Dacca (il-Bangladexx)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Dakar (is-Senegal)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza, il-Portugall, Spanja

— Douala (il-Kamerun)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Dubaj (l-Emirati Uniti Għarab)

Mitjar importanti ta' transitu għal titjiriet lejn l-Ewropa, għalhekk il-pariri u t-taħriġ għandu jkun partikolarment għall benefiċċju tal-linji ta' l-ajru

— *il-Ħaiti*

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Belt ta' Ho Chi Minh (il-Vjetnam)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— *Hong Kong*

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Islamabad (il-Pakistan)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Istanbul (it-Turkija)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Karachi (il-Pakistan)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Ġermanja (konsulenza u taħriġ intensiv mixtieqa).

— Kiev (l-Ukraina)

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Kuwajt

Linji ta' l-ajru

— Lagos (in-Niġerja)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Ġermanja, Franza, Spanja.

— Lima (il-Peru)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Luwanda (l-Angola)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— *Macao*
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Malabo (il-Guinea Ekwatorjali)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Maputo (il-Mozambik)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Moska (ir-Russja)
Linji ta' l-ajru

— Nador (il-Marokk)
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Nairobi (il-Kenja)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Ġermanja, Franza

— Peking (iċ-Ċina)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Franza, Spanja

— Praia (il-Cape Verde)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Rabat (il-Marokk)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Rio de Janeiro (il-Brażil)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— - S. Tomé (S. Tomé e Principe)
Linji ta' l-ajru
Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Sal (il-Cape Verde)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Il-Portugall

— Sanaa (il-Jemen)

Linji ta' l-ajru

— Santo Domingo (ir-Repubblika Dominikana)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Xangaj (iċ-Ċina)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

— Skopje (l-Ex- Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja)

Linji ta' l-ajru

— Tanġiers (il-Marokk)

Linji ta' l-ajru

Kumpaniji marittimi

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Tetuan (il-Marokk)

Rappreżentazzjonijiet: Spanja

— Tirana (l-Albanija)

Linji ta' l-ajru

— Tunis (it-Tuniżija)

Linji ta' l-ajru

— Yaounde (il-Kamerun)

Linji ta' l-ajru

Rappreżentazzjonijiet: Franza

II. **Nominazzjoni ta' postijiet u reġjuni ewlenin**

Mill-postijiet magħżula fis-sezzjoni I hawn fuq, l-użu ta' konsulenti dwar dokumenti, li għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti, huwa meqjus bħala prijorità partikolari fil-postijiet li ġejjin. Din il-lista m'hijiex finali. Il-lista se tiġi aġġornata skond il-ħtieġa.

— Abidjan

— Abu Dhabi

— Accra

— Bamako

— Brazzaville

— Casablanca

— Dakar

— Dubaj

— Istanbul

— Lagos

— Moska

— Tirana

— Tunis

L-għan għandu jkun l-użu koodinat u immedjat ta' konsulenti dwar dokumenti fil-postiiet li jidhru hawn fuq.

Apparti dan, konsulenti dwar dokumenti għandhom jintbagħtu fil-postijiet li ġejjin (fl-ordni li tidher hawn isfel) kemm jista' jkun malajr:

— Bangkok

— Ankara

— Karachi

— Nairobi

— Sanaa

— Skopje